



## COMBATING ANTISEMITISM FOSTERING JEWISH life



### **Messaġġ mill-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea Margaritis Schinas fl-okkażjoni ta' Rosh Hashana**

Lil-Lhud kollha fl-Unjoni Ewropea u madwar id-dinja li qed iħejju biex jiċċelebraw is-Sena l-Ġdida 5784, nawguralkom l-isbaħ xewqat għal sena mimlija saħħa u paċi, u b'tama mġedda. L'Shanah Tova U'Metukah!

Festivals bħal dak ta' Rosh Hashana huma ta' gwida f'ħajjita biex nagħrfu inkunu grati għal dak li għandna, nissodaw għaż-żminijiet diffiċli u nitgħallmu mill-iżbalji. Dan huwa żmien ta' tiġdid, u fl-ispirtu Lhudi aħna lkoll msejħa biex nibdlu ħajjita, darna u n-nazzjonijiet tagħna. Wasal iż-żmien li nergġhu ningħaqdu u nspiraw ruħna minn xulxin u mill-esperjenzi tal-passat, filwaqt li naraw kif se niżguraw futur sikur u aħjar.

Bħala Ewropej, aħna kburin bil-valuri tagħna tal-ugwaljanza, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u n-nondiskriminazzjoni, u b'xi jfisser il-proġett tal-UE – paċi u sigurtà dejjiema, fejn l-istat tad-dritt jiġi infurzat, u d-drittijiet taċ-ċittadini kollha jiġu rispettati. Ninsab kuntent bil-progress li qed nara fil-ġlieda kontra l-pjaga tal-antisemitiżmu permezz tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija. Fis-sentejn ta' applikazzjoni tagħna, ġew implimentati kważi 70 mill-100 inizjattiva inklużi fl-Istrateġija tal-UE tagħna, flimkien mal-adozzjoni ta' ħafna strateġiji fil-livell nazzjonali. Dan huwa r-riżultat ta' sforzi magħquda u kooperazzjoni b'suċċess mal-Istati Membri, il-komunitajiet Lhud u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Huwa wkoll ir-riżultat ta' koordinazzjoni msaħħa mas-sħab internazzjonali tagħna. Iż-żjara tiegħi f'Israël f'Ġunju, it-titjib fil-kooperazzjoni trans-Atlantika tagħna, u l-isforzi mġedda fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti, jimlewni bit-tama li l-ġlieda kontra l-antisemitiżmu qed tingħata aktar attenzjoni globalment.

Aħna determinati li naħdmu għal Ewropa ħielsa mill-antisemitiżmu, kemm fil-qasam diġitali kif ukoll f'dak fiżiku, fejn ir-rebħa fuq id-diskriminazzjoni, il-preġudizzju u l-konflitt, tiftaħ perspettivi u modi ġodda biex tiġi ċċelebrata l-ħajja Lhudija, skont il-kultura u t-tradizzjonijiet tagħna. Soċjetà fejn in-nies jikkellmu u jipprattikaw liberament it-twemmin tagħhom. Ewropa li tonora l-passat tagħna, timpenja ruħha għall-verità storika u ttippreserva t-tifkira tax-Shoah b'mod dinjituż.

Bħala waħda mill-ħafna inizjattivi tal-Istrateġija tal-UE, se niżviluppaw "Network Ewropew fejn seħħ l-Olokawstu", li jgħaqqad is-siti madwar l-Ewropa u jipromwovi mudell ta' responsabbiltà lokali u interkonnnettività bejn is-siti fiżiċi u l-informazzjoni rilevanti kollha disponibbli online biex nuru li x-Shoah ġara lokalment u nedukaw dwaru. Se nibnu wkoll Network madwar l-Ewropa kollha ta' sinjalaturi fdati u verifikaturi tal-fatti, biex nidentifikaw id-diskors ta' mibegħda antisemitika online, nirrappurtawh u niżviluppaw kontronarrattivi.



Rosh Hashana hija wkoll ir-“ras” tas-sena l-ġdida, mhux biss il-bidu. Hija tiggwida kull ġurnata matul is-sena kollha. Għalhekk, aħna determinati li nsaħħu l-isforzi tagħna fil-ġlieda kontra l-antisemitiżmu, biex inġibu l-bidla fejn il-preġudizzji joskuraw il-perspettiva tagħna, u nappoġġaw il-Lhud fl-Ewropa, kuljum tas-sena l-ġdida.

Nixtieq nawguralkom il-koll, f'isem il-Kummissjoni Ewropea, Sena Ġdida hienja u prospera!